MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 96/1996/1

Carmel Attard .

vs

Jude Thaddeus sive Teddie Ellis u Maria konjugi Ellis .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :

Illi fuq inkarigu tal-konvenuti, l-attur Carmel Attard bil-haddiema minnu mqabbda esegwixxa xoghol ta' appalt fil-fond tal-konvenuti, li huwa bla numru pero''bl-isem "Villa Ellis", Cenc Street, Sannat, Ghawdex, liema xoghol ta' appalt kien jikkonsisti f'xoghol ta' tibjid, tqieghed tad-drenagg u xoghol iehor affini ;

Illi tal-istess xoghol, l-attur ghandu jiehu s-somma ta’ elf seba’ mija u tmienja u ghoxrin lira (Lm1,728), kif jidher mill-anness kopja tal-kont, markat bhala Dokument “A” ;

Illi l-istess konvenuti, nonostanti d-diversi promessi taghhom li serjrin ihallsu lill-attur ammont kollu minnhom lilu dovuti, dawna baqghu inadempjenti .

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Tikkundanna lill-istess konvenuti li jhallsu lill-attur is-somma ta’ elf seba’ mija u tmienja u ghoxrin lira (Lm1,728), hlas lilu dovut ta’ xoghol ta’ tibjid, tqieghed ta’ katusi u xoghol iehor affini, kif intqal hawn fuq, u dana, okkorrendo, prevja id-dikjarazzjoni illi l-istess xoghol ta’ appalt gie esegwit mill-attur fuq inkarigu tal-istess konvenuti u fil-fond taghhom hawn fuq imsemmi .
Bl-ispejjez, komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali – wahda tat-tlettax (13) ta’ Mejju, 1994 u l-ohra tas-26 ta’ Marzu 1996 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrka .

Bl-imghaxijiet legali skond il-ligi sal-pagament effettiv .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur kkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi :

1. Illi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2147 subinciz 0 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta .

Salv eccezzjonijiet ohra .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti kkonfermata bil-gurament ta’ Jude Thaddeus sive Teddie Ellis .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qed jirreklama minghand il-konvenuti l-hlas ghal diversi sighat ta' xoghol maghmula minnu u haddiema tieghu fid-dar tal-konvenuti, bir-rata ta' tnax il-lira maltija kuljum (LM12 p.d.) ghal kull persuna, u dan skond ma jirrizulta mir-rendikont anness ma' c-citazzjoni bhala "Dok. A"[1] .

Il-konvenuti qeghdin jeccepixxu l-preskrizzjoni ta' sena a tenur ta' l-artikolu 2147© tal-Kap. 16 .

Fl-ahhar udjenza ta' din il-kawza fit-22 ta' Mejju 2003 infethu u nqraw il-kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenuti, wara li dawn regghu naqsu li jidhru sabiex jaghtu d-depozizzjoni taghhom f'dik l-udjenza wara li ma kienux attendew ghall-udjenza precedenti, meta gew attwalmentipprezentati l-istess kapitoli .

Huwa minnu illi l-ligi bl-artikolu 698 tal-Kap. 12, tipprovdi ghall-ammissjoni u accettazzjoni tal-kapitoli "**jekk il-parti li lilha tinghata s-subizzjoni tonqos li tidher fil-jum li ghalieh il-Qorti thalli s-smiegh tal-kawza, minghajr ma ggib raguni tajba li ghaliha tkun naqset li tidher**" .

Imma din it-tip ta' prova hija wahda eccezzjonali, li kontra r-regola normali u fl-assenza tal-parti msejjha ghas-subizzjoni li tidher, tippresumi s-silenzju taghha bhala ammissjoni tal-htija jew debitu taghha .

L-insenjament ta' diversi guristi in materia huwa fis-sens illi : "*il valore ella tacita confessione, emergente dalla non comparizione (non giustificata) o dal rifiuto di rispondere della parte a cui sono dedotti gli interrogatori, non deve, ne' puo' essere uguale a quello della confessione espressa – Per vero, in questa noi abbiamo un'esplicita dichiarazione di volonta', la quale, se accettata dalla parte*

[1] A fol. 5 - 6 tal-process .

*contraria, ha siccome vedemmo, un valore logico e convenzionale . All'incontro, nella confessione tacita manca ogni elemento, ogni idea di convenzione; essa e' soltanto un'induzione, che si trae da un fatto a malgrado dell'autore del fatto medesimo . Il legislatore interpreta il fatto della non comparizione e del rifiuto di rispondere come una prova della verita' del fatto dedotto ad interrogatorio: ma cotale prova e' retta dai principi del diritto comune probatorio; e percio potra essere combattuta coi mezzi della prova dell'errore, cosi' di fatto, come di diritto, che sia stato causa del rifiuto di comparire o di rispondere, e in gerene col mezzo di qualunque prova contraria.*" [2]

Din tidher li hija wkoll l-pozizzjoni li hadu l-Qrati taghna . Hekk insibu jinghad illi: "… *rigward il-valur probatorju tal-kapitoli li, ghalihom li stess atturi…. ma rrispondewx minghajr sal-lum ma ggustifikawx il-kontumacja, il-Qorti tosserva, li veru skond l-artikolu 698(2) Procedura Civili, il-kapitoli jitqiesu konfessati, izda dan ma jfissirx li l-Qorti hija obbligata toqghod dejjem fuq dik il-presunta konfessjoni . Is-subizzjoni hija semplici mezz ta' prova u ghandha tigi ezaminata u valjata bhal u flimkien mal-provi l-ohra tal-kawza . Diversament tinholoq l-assurdita' li l-provi l-ohra, attendibbli kemm jista' jkun, ikollhom icedu quddiem is-subizzjoni, anke jekk jirrizulta li r-risposti moghtija ghall-kapitoli huma foloz…… Din tidher li hija l-fehma tal-legislatur malti (art. 694(3) tal-Procedura Civili . Din hija wkoll l-interpretazzjoni kostanti tal-Qrati taghna, li bbazat ix-xindibilita' tar-risposti fis-subizzjoni fuq il-kriterju tal-kredibilita' (Kollez. XIX. I. 208) u hallietha ghalhekk ghal-'criterio morale della corte" (Kollez. VII. 451) . Del resto il-konfessjoni naxxenti mill-kapitoli hija biss presunta, u tista' tikkostitwixxi l-prova unika u inkonklusa, fil-kaz biss li ma jkunx hemm provi ohra "dalle quali possa esserne indebolito il valore."* [3]

Fid-dawl ta' dan it-taghlim u tenut kont illi f'din il-kawza l-konvenut, apparti li pprezenta in-nota ta' l-eccezzjonijiet

---

[2] Ricci: Procedura Civile # 797

[3] Prim'Awla: Tabib Dr. Antonio Zammit et. v. Francesco Pace et. vol. XXXVI. II. 484

tieghu, ppartecipa regolarment fil-proceduri u deher ukoll diversi drabi sabiex jaghti d-depozizzjoni tieghu in kontestazzjoni tal-pretensjonijiet ta' l-attur, jidher illi huwa l-kaz fejn ghandhom jigu applikati dawn il-principji u l-kapitoli ma jitqiesux bhala ammissjoni da parti tal-konvenuti tat-talba ta' l-attur .

Nigu ghalhekk ghat-trattazzjoni regolari tal-mertu ta' din il-kawza . L-unika eccezzjoni formali mressqa mill-konvenuti tirrigwarda l-preskrizzjoni ta' sena a tenur ta' l-artikolu 2147© tal-Kap. 16 . Dan jistipula illi jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sena: "**l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, ta' l-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata, ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-forrituri li jkollhom jiehdu**;"

Huwa evidenti illi l-azzjoni prezenti ta' l-attur hija wahda li taqa' taht din il-kategorija ta' preskrizzjoni, peress illi rrizulta anke mir-rendikont stess (Dok. A) esebit mill-attur, illi huwa kien qed jippretendi hlas ghalieh u ghall-haddiema l-ohra tieghu ikkalkolat skond il-granet ta' xoghol li hadmu ghand il-konvenuti .

L-attur intavola l-kawza prezenti fit-12 ta' April 1996 meta l-kont li tieghu qed jippretendi hlas imur lura sa l-elf disa mija tlieta u disghin . Proprjament l-ahhar gurnata ta' xoghol li hadem *in fila* ghand il-konvenuti, jekk niehdu r-rendikont "Dok. A" bhala prova, kienet il-21 ta' Lulju 1993 . L_ewwel ittra ufficcjali mibghuta mill-attur lill-konvenuti, fejn talabhom il-hlas pretiz fic-citazzjoni, saret fit-3 ta' Mejju 1994[4] u ghalhekk il-perijodu preskrittiv gie mgedded ghal sena ohra sat-3 ta' Mejju 1995 . It-tieni ittra ufficjali giet intavolata fis-26 ta' Marzu 1996[5] u ghalhekk il-perjodu tal-preskrizzjoni rega' gie interrott, sakemm imbaghad saret il-kawza fit-12 ta' April 1996 . Jirrizulta ghalhekkk illi din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sena ma tistghax tigi milqugha .

Jibqa' biss sabiex jigi ezaminat, mill-provi migbura u d-dokumenti esebiti, jekk il-konvenut hallasx l-ammont

[4] ara Dok. CA. 2 a fol. 22 tal-process
[5] ara Dok. CA. 1 a fol. 21

pretiz jew xi parti minnu . Mhux kontestat illi l-attur tassew hadem is-sighat kollha ta' xoghol minnu indikati fir-rendikont Dok. A. anness ma' c-citazzjoni . Anzi l-kont ta' Vella Brothers ghall-*concrete* supplit lil-konvenuti juri illi sal-21 ta' Lulju 1993, li hija appuntu l-ahhar gurnata ta' xoghol indikata f'dan ir-rendikont, juri li l-attur sa dakinhar kien ghadu qed jahdem fil-fond tal-konvenuti f'Sannat . [6] Imma ricevuti ta' hlas li jistghu jipprovaw li l-attur thallas ghal dan ix-xoghol minghand il-konvenuti ma rrizultawx .

L-attur jghid illi wara li baghat il-kont u anke l-ittri ufficcjali msemmja, kemm il-darba gie mwieghed mill-konvenut li ser ihallsu u talbu jissoportieh ftit, imma sakemm giet ipprezentata il-kawza, baqa' ma hallas xejn mis-somma pretiza .

Il-konvenut, da parti tieghu, isostni illi hallas l-ammont kollu dovut, u biex jissostanzja din il-pretensjoni tieghu ressaq diversi dokumenti dwar pagamenti maghmula minnu . Uhud minn dawn id-dokumenti tassew juri illi kien sar xi hlas lill-attur, imma d-data relattiva tmur lura ghal zmien ta' qabel il-perijodu kopert bil-kont in kontestazzjoni . Irrizulta illi l-attur kien hadem f'okkazzjoni ohra ghall-konvenuti fuq proprjeta' tieghu f'Pompei Street, ir-Rabat, u jidher illi dawn il-pagamenti jirreferu ghax-xoghol li kien sar hemmhekk[7] . L-istess jista' jinghad ghal kont iehor li jgib id-data tat-2 ta' Marzu 1993 . Dan jirreferi ghal 26 gurnata xoghol li evidentement sar qabel dik id-data, gialadarba l-ftehim dejjem kien li l-attur jithallas skond il-granet ta' xoghol li jaghmel[8] . Imma l-kont l-iehor datat it-23 ta' April 1993[9] jidher li jirreferi ghall-ewwel perijodu mahdum mill-attur skond ir-rendikont minnu esebit ma' c-citazzjoni (Dok. A) . Fuq dan l-istess kont hemm notament illi s-somma ta' Lm120 thallset *cash.* Il-konvenut ipprezenta *mamma* ta' cheque nru. 000007 rilaxxjat minnu lil Charlie Attard[10] ghas-somma ta' Lm718.80. Huwa jippretendi illi dan il-hlas kien

[6] ara Dok. CA a fol. 102
[7] ara dokti. X1, X2 u X3 a fol.87, 88, 89 tal-process
[8] ara dok. X5 a fol. 91, il-parti t'isfel
[9] ara Dok. X5, il-parti ta' fuq
[10] ara Dok. X6 a fol. 92 u original a fol. 59

jikkomprendi dawn iz-zewg kontijiet, u hekk jidher li hu . Imma, kif gia nghad, il-kont datat 2.3.1993 kien jirreferi ghax-xoghlijiet precedenti u mhux ghal dak il-kwistjoni . Il-konvenut ipprezenta wkoll diversi dokumenti ohra fi sforz li jipprova illi huwa mhux talli ma baqaghlu jaghti xejn lill-attur, anzi hallaslu wkoll xi kontijiet li dan kellu pendenti ma terzi . Hekk insibu diversi invoices intestati lill-istess konvenut dwar materjal mixtri mill-attur . Imma ma rridux ninsew illi l-kawza prezenti tirrigwarda l-pagament ghax-xoghol mahdum mill-attur fl-interess tal-konvenuti u mhux ukoll il-hlas ghall-materjal li seta' xtara l-istess attur waqt li kien qed jaghmel dan ix-xoghol ghand il-konvenuti u li uza fuq l-istess xoghol . Ma jistghax ghalhekk jippretendi il-konvenut illi l-hlasijiet maghmula minnu ghand dawn is-*suppliers,* ghandu jigi ridott mill-kont prezenti ta' l-attur .[11] Imbaghad ipprezenta wkoll tliet dokumenti li jallega li jirrigwardaw hlasijiet ohra maghmula minnu sabiex ihallas dejn li kellu l-attur rigward xoghol iehor mhux ghall-konvenuti . Imma dawn id-dokumenti ma jistghu bl-ebda mod jittiehdu in konsiderazzjoni ghax ma hemm xejn fuqhom li jindika xi pagamenti f'dan is-sens, u ghalhekk qed jigu njorati .

Jirrizulta ghalhekk minn dan kollu illi mill-ammont ta' Lm1728 rapprezentanti 144 gurnata xoghol bir-rata ta' Lm12 kuljum indikati fir-rendikont (Dok. A) anness ma' c-citazzjoni, il-konvenuti hallsu biss l-ewwel kont rilaxxjat lilhom mill-attur, u cioe' dak tat-23 ta' April 1993,[12] fl-ammont ta' Lm410, (apparti s-somma ta' Lm120 mhallsa *cash* u maqtugha mill-kont, kif indikat fuq l-istess *invoice*) . Konsegwentement jigi li ghad baqghalhom ihallsu lill-attur il-bilanc, u cioe' s-somma ta': Lm1728 – Lm410 = Lm1318, elf tliet mija u tmintax il-lira maltija .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza, billi filwaqt illi tichad l-eccezzjoni tal-konveuti dwar il-preskrizzjoni, tilqa' *in parte* t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' elf tliet mija u tmintax il-lira maltija (Lm1318), rapprezentanti l-bilanc minn somma akbar dovuta ghal xoghol ta' tibjid, tqeghid ta' katusi u xoghol

[11] ara Dokti. D, E, F, G, H, I, J a fol. 58 - 64 tal-process
[12] ara dok. X5 fuq u Dok. X 6 u mamma tac-cheque a fol. 59

affini, mahdum mill-attur fuq inkarigu ta’ l-istess konvenuti .

Billi l-ammont realment dovut gie likwidat biss b’din is-sentenza, l-imghaxijiet fuq din is-somma ghandhom jibdew jghoddu mid-data ta’ l-istess sentenza sad-data tal-pagament effettiv .

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkostanzi, ghandhom jigu ssoportati kwantu ghal kwart (1/4) mill-attur stess u tliet kwarti (3/4) mill-konvenuti .

S9696Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------